MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2010

Appell Kriminali Numru. 142/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jonathan Briffa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jonathan Briffa talli fit-3 ta’ Jannar 2010 ghall-habta ta’ 19:00hrs f’Bormla:

1) hedded jew insulenta lil P.S. 1576 S. Grech u lil W.P.C. 137 C. Buhagiar, persuni nkarigati skond il-ligi mis-servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmel dan is-servizz bi hsieb li jbezzghahom jew ifixxkilhom milli jaghmlu dan is-servizz;

2) rema jew iddepozita karta mal-art f'post pubbliku jew espost ghal pubbliku;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Jonathan Briffa hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u, wara li rat l-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu multa ta' ghoxrin euro (€20.00);

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fid-29 ta' Marzu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat gie lliberat mit-tieni mputazzjoni filwaqt li nstab hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontrih, filwaqt illi tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena li nghatat u, wara li terga' ssib lill-appellat hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontrih, tipprosegwi billi tinfliggi piena gdida u korretta ai termini tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell jirrigwarda l-piena nflitta mill-ewwel Qorti peress illi l-appellant Avukat Generali jsostni illi dik inflitta hija taht il-minimu stabbilit mil-ligi. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti kellha tapplika l-piena preskritta fl-artikolu 252 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'zieda ta' grad.

Din il-Qorti ma taqbilx. L-appellat gie akkuzat illi hedded u insulenta lil P.S. 1576 Grech u W.P.C. 137 Buhagiar. Issa, apparti li dawn ix-xhieda lanqas ma gew prodotti biex jixhdu quddiem l-ewwel Qorti izda xehed biss l-Ispettur Fabian Fleri li lanqas ma gie prodott biex jixhed quddiem din il-Qorti, l-artikolu 252 ma jitkellimx dwar theddid. Barra minn hekk, kwantu ghall-insulti, ossia ingurji, kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Vella** deciz fit-30 ta' April 2001:

**"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi jridu jkunu gew komunikati, direttametn jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata (*'with the object of destroying or damaging the reputation of any person'*, fit-test Ingliz). Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontrravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali."**

Fil-kaz in ezami, jekk il-fatti graw kif jghid l-Avukat Generali fir-rikors ta' appell tieghu, u cioe` li l-appellat "uza kliem dispreggjattiv fil-konfront" taz-zewg membri tal-korp tal-pulizija li kienu ghamlulu citazzjoni, m'hemmx dubju li mhuwiex applikabbli l-imsemmi artikolu 252.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------